A.L. 213 ta' l-2008

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - jew għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla hawn taħt:

(a) Banking and Finance: għaddew fil-Matematika Pura (Intermedja);

(b) Bijoloġija: għaddew fil-Bijoloġija (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Kimika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(ċ) Kimika: għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u jew fil-fil-Fiżika jew fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(d) Computer Information Systems:

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(e) Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelligenza Artifiċjali:
jew għaddew fil-Computing (Avvanzat, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Computing (Intermedju, grad Ċ jew aħjar);

(f) Matematika: għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(g) Fiżika:
jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(h) Statistics and Operations Research:
jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);
jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad D jew aħjar).

(2) L-applikanti li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed biss mis-suġġetti meħtieġa, kemm jekk fil-Livell Avvanzat kif ukoll fil-Livell Intermedju, bħala rekwiżiti speċjali għall-kors indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, għandhom jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas fil-kwalifiki. Jekk, sa l-aħħar ta' l-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess skond ir-Regolamenti Prinċipali.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) f'qasam ta' studju ewlieni, li jista' jittieħed ma' qasam sussidjarju, jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

(2) Il-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) f'żewġ oqsma ta' studju ewlenin jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

L-Oqsma ta' Studju

5. (1) Il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) f'qasam ta' studju ewlieni jista' jiġi offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità tal-Fakultà, kif approvat mill-Bord.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) jista' jiġi offrut ukoll f'żewġ oqsma ta' studju ewlenin mill-lista (a) ta' l-oqsma ta' studju, jew f'qasam ta' studju ewlieni wieħed mill-għażla (a) u f'qasam ta' studju ewlieni wieħed mill-għażla (b), kif approvat mill-Bord:

(a) il-Bijoloġija; il-Kimika; il-Matemattika, il-Fiżika, l-Statistics and Operations Research;

(b) Banking and Finance, il-Computer Information Systems, ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Intelligenza Artifiċjali.

6. L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari u l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien ikunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors, sakemm li fi kwalunkwe sena, l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien ikunu offruti skond id-disponibilità tar-riżorsi u l-għadd ta' l-applikanti li jagħzluhom.

Il-Pubblikazzjoni tal-Programmi

7. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' l-istudju għal kull qasam ta' studju, kif approvat mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-

Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu l-oqsma ta' studju u jiksbu dawk il-kredti kif indikat fil-programm tal-kors u fil-programmi ta' l-istudju fl-oqsma ta' studju li huma qiegħdin isegwu għall-Grad, sakemm li l-programmi tal-kors u l-programmi ta' l-istudju jkunu mfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Programm tal-Kors għall-Grad f'Qasam ta' Studju Ewlieni

8. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 kredtu.

(2) Il-Kors jista' jkun offrut jew f'qasam ta' studju wieħed bħala qasam ewlieni, jew f'qasam ta' studju ewlieni wieħed flimkien ma' qasam sussidjarju kif approvat mill-Bord, sakemm li mhux anqas minn 110 kredtu jkunu assenjati għall-qasam ta' studju ewlieni.

(3) Il-programmi ta' studju għall-oqsma li jistgħu jittieħdu bħala oqsma sussidjarji għandhom ikunu ppubblikati mill-bordijiet ta' l-entitajiet akkademiċi responsabbli għalihom.

(4) It-tielet sena tal-Kors għandha tinkludi dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 18-il kredtu, sakemm li fil-każ tal-Matematika, din tista' tkun sostitwita minn waħda jew aktar taqsimiet studju mgħallma addizzjonali.

Il-Programm tal-Kors għall-Grad f'Żewġ Oqsma ta' Studju Ewlenin

9. Il-Kors għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet, jiġifieri l-Ewwel Parti li tkopri l-ewwel tlett snin u t-Tieni Parti li tkopri r-raba' sena.

10. (1) L-Ewwel Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 kredtu mqassma kif ġej:

L-Ewwel Sena:	60 kredtu li minnhom mhux anqas minn 26 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju;
It-Tieni Sena:	30 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju;
It-Tielet Sena:	30 kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju.

(2) Fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti, l-istudenti li jiksbu 180 kredtu kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament iżda li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors għall-Grad, jew wara li komplew, ma jispiċċawx b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Science (B.Sc.) ikklassifikat skond l-ordinament 12.

11. (1) It-Tieni Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu mqassma kif ġej:

(a) 34 kredtu f'qasam ta' studju wieħed, li minnhom 18-il kredtu huma assenjati għal dissertazzjoni; u

(b) 26 kredtu fil-qasam ta' studju l-ieħor,

sakemm li fil-każ tal-Matematika, id-dissertazzjoni tista' tkun sostitwita minn waħda jew aktar taqsimiet studju mgħallma addizzjonali.

Il-Klassifikazzjoni tal-Grad

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bis-snin kollha jingħataw piż ugwali.

It-Tħassir

13. L-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons), ippubblikati bħala Avviż Legali 152 ta' l-2005, kif emendati bl-Avviżi Legali 123 ta' l-2006 u 258 ta' l-2007, għandhom jitqiesu li spiċċaw mis-seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008, sakemm li l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom jibqgħu regolati bl-ordinamenti li kienu fis-seħħ meta bdew il-kors.